**FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI**

**IMĦALLEF**

**ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.**

**ILLUM, it-Tlieta 9 ta' Frar, 2016**

**Kawża Numru 21**

**Ċitazz. Nru. 1348/98JRM**

Richard **CACHIA CARUANA**

vs

Alfred **BRIFFA** u Lino Cassar

**Il-Qorti:**

Rat l-Att taċ-Ċitazzjoni mressaq fid-19 ta' Ġunju, 1998, li bih u għar-raġunijiet hemm imfissra, l-attur talab li l-Qorti (i) issib li l-imħarrkin illibellawh u tawh isem ħażin u esponewh għad-disprezz u r-redikolu tal-pubbliku f'artiklu taħt ir-ras "*Reddiegħa*" li deher fil-ħarġa tal-ġurnal '*It-Torċa*' tal-1 ta' Frar, 1998; u (ii) li tikkundannahom iħallsuh somma li ma taqbiżx il-ħamest elef Lira Maltin (Lm 5,000) bħala danni għall-malafama li ġarrab minħabba dak li nkiteb dwaru fl-imsemmi artikolu skond id-dispożizzjonijiet tal-Kapitolu 248 tal-Liġijiet ta' Malta. Talab ukoll l-ispejjeż;

Rat in-Nota tal-Eċċezzjonijiet imressqa fl-4 ta' Mejju, 1999, li biha l-imħarrkin laqgħu għat-talbiet attriċi billi, fir-rigward tal-imħarrek Alfred Briffa, qalu li dan kulma għamel kien li offra spazju lill-imħarrek l-ieħor Lino Cassar, bħala kontributur regolari tal-ġurnal, u bl-ebda mod ma għamel tiegħu dak li kiteb l-imħarrek Cassar. L-imħarrek Cassar laqa' billi qal li l-attur bl-ebda mod ma jissemma u lanqas huwa identifikabbli – kriterju bażiku fil-liġi tal-istampa – u f'kull każ qal li l-kitba tiegħu ma hijiex malafamanti;

Rat id-degriet tagħha (diversament presjeduta) tal-15 ta' Novembru, 1999[1], li bih ordnat lill-attur iressaq ix-xhieda tiegħu bil-mezz tal-affidavit;

Rat id-degriet tagħha (diversament presjeduta) tat-18 ta' Frar, 2000[2], li bih ħalliet il-kawża *sine die*;

Rat id-degriet tagħha (diversament presjeduta) tat-23 ta' Frar, 2000[3], li bih u fuq talba mressqa mill-attur reġgħet qiegħdet il-kawża għas-smigħ;

Rat il-provi dokumentali u x-xhieda mressqa mill-attur;

Rat il-verbal tas-smigħ tas-16 ta' Novembru, 2001[4] li bih il-partijiet għarrfu lill-Qorti li kienu qegħdin jikkultivaw proposta ta' transazzjoni;

Rat id-degriet tagħha (diversament presjeduta) tat-23 ta' Jannar, 2002[5], li bih għal darb'oħra l-kawża tħalliet *sine die* u b'degriet tal-11 ta' Frar, 2002, reġgħet tqiegħdet għas-smigħ wara talba li saret mill-attur b'rikors ieħor tal-1 ta' Frar;

Rat id-degriet tagħha tas-6 ta' Frar, 2003[6], li bih iddikjarat magħluq l-istadju tal-ġbir tal-provi;

Semgħet it-trattazzjoni tal-avukat tal-attur;

Rat id-degriet tagħha tat-3 ta' April, 2003[7], li bih tat żmien lill-imħarrkin biex iressqu s-sottomissjonijiet tagħhom bil-miktub;

Rat li, minkejja ż-żmien lilhom mogħti, l-imħarrkin ma ressqu l-ebda sottomissjonijiet;

---

[1] Paġ. 19 tal-proċess
[2] Paġ. 20 tal-proċess
[3] Paġ. 22 tal-proċess
[4] Paġ. 57 tal-proċess
[5] Paġ. 58 tal-proċess
[6] Paġ. 66 tal-proċess
[7] Paġ. 67 tal-proċess

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Rat id-degrieti tagħha li bihom ħalliet il-kawża għas-sentenza;

***Ikkunsidrat:***

Illi din hija kawża ta' libell famuż bil-meżż tal-istampa. L-attur jgħid li l-imħarrkin illibellawh b'kummenti li dehru f'artiklu li deher f'ġurnal, liema kummenti attribwewlu fatti determinanti foloz u li jagħtuh isem ħażin bil-għan li joffendu l-unur u l-fama tiegħu u jesponuh għad-disprezz u r-redikolu tal-pubbliku. Irid li l-imħarrkin jagħmlu tajjeb għall-isem ħażin li tawh;

Illi għal din l-azzjoni, l-imħarrkin laqgħu għat-talbiet attriċi billi, fir-rigward tal-imħarrek Alfred Briffa (aktar 'il quddiem imsejjaħ "l-Editur"), qalu li dan kulma għamel kien li offra spazju lill-imħarrek l-ieħor Lino Cassar (aktar 'il quddiem imsejjaħ "l-Artikolist"), bħala kontributur regolari tal-ġurnal, u bl-ebda mod ma għamel tiegħu dak li kiteb l-Artikolist. L-Artikolist laqa' billi qal li l-attur bl-ebda mod ma jissemma u lanqas huwa identifikabbli – kriterju bażiku fil-liġi tal-istampa – u f'kull każ qal li l-kitba tiegħu ma hijiex malafamanti;

Illi mill-fatti li joħorġu mill-atti tal-kawża jirriżulta li l-Artikolist kien kontributur regolari fil-ġurnal '*It-Torċa*' (aktar 'il quddiem imsejjaħ "il-ġurnal") b'rubrika imsejħa "*Ħadd wara Ħadd*". Fid-9 ta' Jannar, 1998[8], l-Editur bagħat *telefax* lill-attur b'għadd ta' mistoqsijiet dwar *feature* li l-ġurnal kien fi ħsiebu jippubblika aktar tard dak ix-xahar dwar ix-xiri ta' Malta House f'Londra;

Illi l-attur bagħat it-tweġibiet tiegħu b'ittra minn avukat imqabbad minnu fit-12 ta' Jannar, 1989[9], li biha ċaħad kull rabta mal-implikazzjonijiet magħmulin dwaru fl-imsemmija mistoqsijiet u wissa lill-Editur li jekk kemm-il darba l-ġurnal kien sejjer jippubblika xiħaġa minn dak li huwa ċaħad, kien jieħu l-passi legali meħtieġa kontra l-ġurnal;

Illi fil-ħarġa tal-ġurnal tal-1 ta' Frar, 1998, l-Artikolista kiteb artiklu u semmieh "*Reddiegħa*". F'parti mill-imsemmi artikolu irrefera għal ċirkostanzi li jgħid li seħħew qabel ma nxtrat binja f'Londra li kellha sservi bħala Malta House. Fost dawn il-fatti, imma bla ma semma ismijiet, l-Artikolista qal li kien hemm minn kien jaf minn qabel x'kellu f'moħħu l-

[8] Dok "B", f'paġ. 7 tal-proċess
[9] Dok "Ċ", f'paġġ. 8 – 9 tal-proċess

Gvern Malti dwar il-kisba ta' dik il-binja u għalhekk grupp ta' nies "fosthom wieħed intimu ħafna ma' Kastilja u ieħor intimu ma' l-Air Malta" waqqfu kumpannija għand avukat f'Ħal Lija għal tal-apposta li kienet hi li kisbet l-imsemmija binja u "konvenjentement biegħetha lill-Gvern Nazzjonalista". Minnufih qabel dik il-parti tal-artiklu, kien kiteb dwar l-attur u irrefera għalih bl-inizzjali ta' ismu (RCC);

Illi fiż-żmien li għalih jirreferi l-artiklu, l-attur kien wieħed mid-Diretturi fil-kumpannija Air Malta Co Limited u wkoll segretarju privat tal-Prim Ministru;

Illi f'Lulju tal-1993 kienet twaqqfet kumpannija bl-isem ta' Malpro Limited bl-ishma tagħha maqsumin indaqs bejn il-Gvern ta' Malta u l-kumpannija Malta Air Charter (kumpannija sussidjarja ta' Air Malta Co Limited). L-attur kien wieħed mid-diretturi ta' Malpro u b'riżoluzzjoni nħatar bħala d-Direttur Maniġerjali tagħha[10]. Malpro kienet daħlet fuq il-kuntratt tax-xiri tal-binja f'Londra. F'Novembru tal-1995, twaqqfet kumpannija oħra bl-isem ta' Malprotwo Limited li l-azzjonista ewlenija tagħha kienet Malpro Limited (li kellha erba' mija u disgħa u disgħin (499) sehem) , bl-attur ikollu sehem wieħed (1) l-ieħor b'valur nominali ta' Lira. Il-kumpannija kienet qabbdet impjegata ta' Air Malta – waħda Joyce O'Connor – bħala '*day-to day manager*' biex tieħu ħsieb it-tmexxija tal-binja u l-kirjiet li kienu ser isiru ta' partijiet minnha. L-attur għadda s-sehem tiegħu li kellu fil-kumpannija lill-Gvern f'Jannar tal-1996, b'kemm kien jiswa nominalment[11];

Illi l-attur jgħid li għaż-żmien kollu li qeda d-dmirijiet ta' direttur ta' Malpro, ma kienx jitħallas *director's fee*[12];

Illi fid-19 ta' Ġunju, 1998, l-attur fetaħ din il-kawża;

Illi għal dak li jirrigwarda l-<u>konsiderazzjonijiet ta' dritt marbutin mal-każ</u>, il-Qorti tagħraf li kien l-attur biss li ressaq provi f'din il-kawża. L-imħarrkin la ressqu provi u lanqas ittantaw imieru dawk imressqin mill-attur. Minkejja dan, baqgħu ma irrinunzjawx għall-eċċezzjonijiet tagħhom u lanqas ma ressqu s-sottomissjonijiet dwarhom, minkejja li l-Qorti tathom żmien biżżejjed biex jagħmlu dan;

Illi l-Qorti sejra tqis l-ewwel l-**eċċezzjoni mressqa mill-imħarrek Briffa**. Biha l-Editur irid iressaq id-difiża li, bħala editur tal-ġurnal, kulma għamel

[10] Xhieda ta' John Cassar White f'paġ. 41 tal-proċess
[11] Dok f'paġ. 33 tal-proċess
[12] Affidavit tiegħu f'paġ. 27 tal-proċess

kien li silef lill-Artikolist wisgħa biex jikteb l-artiklu, u ma jfissirx b'daqshekk li huwa jaqbel ma' dak li nkiteb jew għamlu b'tiegħu;

Illi fl-ewwel lok, ħareġ mill-provi[13] li dan l-imħarrek kien l-editur tal-ġurnal dakinhar li deher l-artiklu mertu tal-kawża, u hu ma ressaq l-ebda prova oħra biex iwaqqa' tali prova[14]. Minħabba f'dik il-kariga, l-Editur huwa waħda mill-persuni li l-liġi tqis li kontriha tista' titmexxa azzjoni bħal dik mibdija mill-attur fil-każ tallum[15];

Illi, minbarra dan, f'dan ir-rigward il-liġi tidher li tagħmilha ċara li l-editur ta' gażżetta jġorr responsabbilta' flimkien ma' min ikun kiteb fil-gażżetta tiegħu[16]. Il-fatt li l-persuna li tkun kitbet il-pubblikazzjoni tkun magħrufa mhijiex raġuni biex taqla' lill-editur mir-responsabbilta' (jekk ikun hemm). Huwa biss meta la l-kittieb u lanqas l-editur ma jkunu magħrufa li l-liġi tgħabbi bir-responsabbilta' lil min jintriga għall-pubblikazzjoni li tkun[17]. Għalhekk, taħt il-liġi tagħna, ir-responsabbilta' tal-editur hija bħallikieku solidali ma' dak li jkun ippubblika fil-gażżetta tiegħu[18];

Illi għalhekk, l-ewwel eċċezzjoni tal-imħarrek Briffa, safejn timmira li taqilgħu 'l barra biex l-ewwel talba attriċi ma tgħoddx għalih, ma jidhirx li hija tajba u l-Qorti mhix sejra tilqagħha;

Illi dwar **it-tieni eċċezzjoni** l-Artikolist jgħid li mkien fl-artiklu impunjat ma jissemma l-attur u qarrej ta' dehen ordinarju lanqas jista' jara li dak li nkiteb jirreferi għalih;

Illi l-Qorti ma tistax tilqa' din l-eċċezzjoni. Għalkemm huwa minnu li l-artiklu jieħu paġna sħiħa tal-ġurnal u jimraħ fuq għadd ta' episodji li l-Artikolist jiġbor flimkien biex isaħħaħ it-titlu li għażel għall-istess artiklu, jidher li kellu f'moħħu lill-attur f'dik il-parti li dwarha l-attur ressaq din il-kawża. Kif ingħad, għalkemm l-Artikolist ma semmiex lill-attur b'ismu sħiħ, inqeda bl-inizzjali ta' ismu, liema inizzjali kienu magħrufa b'mod ġenerali minn ħafna nies u għal bosta jidher li l-attur kien aktar magħruf bihom milli b'ismu kollu. Fit-tieni lok, il-ġrajja li jissemmew f'dik il-parti tal-artiklu ntwera li kienu jitkellmu dwar ċirkostanzi li l-attur mess magħhom;

Illi mbagħad, f'dan il-każ hemm ċirkostanza oħra li titfa' dawl fuq din l-eċċezzjoni. Dan joħroġ mill-*fax* li l-Editur bagħat lill-attur xi tliet (3)

---

[13] Ara d-dok f'paġ. 48 tal-proċess
[14] Art. 52 tal-Kap 248
[15] Art. 23(b) tal-Kap 248
[16] Artt. 23(a)(b) u 25(1) tal-Kap 248
[17] Art. 23(ċ) tal-Kap 248
[18] Ara App. Ċiv. **18.2.1946** fil-kawża fl-ismijiet ***Bartoli vs Semini et*** (Kollez. Vol : **XXXII.i.350**) u App. Ċiv. **21.10.1991** fil-kawża fl-ismijiet ***DeMarco vs Aġius et*** (Kollez. Vol : **LXXV.ii.462**)

ġimgħat qabel ma deher l-artiklu. Dak il-*fax* ressaq mistoqsijiet lill-attur sewwasew dwar il-ġrajja tax-xiri ta' Malta House u kienu mistoqsijiet magħmula b'mod li jorbtu lill-attur ma' attribuzzjonijiet speċifiċi – dik tal-konflitt ta' interessi, dik tal-għarfien minn ġewwa ta' dak li kien ser isir u dik li, minn tali għarfien, għamel kemxa flus – li mbagħad kienu riflessi fil-parti tal-artiklu li dwaru l-attur fetaħ din il-kawża;

Illi huwa miżmum li biex azzjoni ta' libell bl-istampa tirnexxi, il-kitba trid tkun tabilfors marbuta mal-persuna tal-parti attriċi, imqar jekk tkun indiretta jew "velata taħt xi figura jew oħra ta' espressjoni", u dan lil hinn minn jekk il-kittieb tal-istampat kellux f'moħħu lil dik il-persuna meta kiteb dak li kiteb[19]. Madankollu, il-fatt li persuna ma tissemmiex b'isimha f'artiklu ma jfissirx li hija mċaħħda milli tmexxi 'l quddiem azzjoni ta' libell taħt l-Att dwar l-Istampa, jekk kemm-il darba mill-kontenut tal-istess artiklu joħroġ ċar min kienet il-persuna li dwarha nkiteb dak li nkiteb[20]. F'dan ir-rigward, huwa miżmum li l-identita' tal-parti malafamata tista' tinġieb minn artikli oħra jew materjal ieħor li jkun inkiteb u li jitfa' dawl fuq l-identita' mistura tal-persuna fl-artiklu inkriminat, imqar jekk il-materjal l-ieħor ikun jikkonsisti f'kitba oħra sussegwenti tal-parti mħarrka[21]. Imma l-kejl jibqa' dejjem wieħed li l-eżerċizzju jrid jitqies mill-perspettiva tal-qarrej li għalih l-artiklu jkun maħsub[22]. Din l-inferenza tista' tintiret ukoll jekk issir riferenza għal aktar minn persuna waħda li l-parti attriċi tista' tintrabat magħhom fil-qafas ta' dak li jissemma fil-pubblikazzjoni libelluża[23];

Illi għalhekk, il-Qorti mhijiex tqis li din l-eċċezzjoni hija tajba billi hija tal-fehma li qarrej ta' dehen ordinarju ma setax ma jifhimx li l-Artikolist kien qiegħed jirreferi għall-attur, għalkemm semma li seta' kien hemm ħaddieħor ukoll. Għalhekk, l-eċċezzjoni mhijiex sejra tintlaqa';

Illi fil-**mertu** u fid-dawl tat-**tielet eċċezzjoni** tal-Artikolist, il-Qorti tqis li l-artiklu jattribwixxi fatti ta' ċertu piż lill-attur. Kif issemma qabel, l-artiklu jagħti x'jifhem li l-attur, minħabba konnessjonijiet jew rabtiet li seta' kellu, kien inqeda bihom biex isir jaf minn wara l-kwinti u minn qabel x'ser isir u fassal mod biex ikun jista' jbill sebgħu bi qligħ finanzjarju għalih. Din hija xilja ta' konflitt ta' interess u, fuq kollox, ta' sfruttar ta' ċirkostanzi "minn fuq dahar il-poplu Malti";

Illi l-imħarrkin ma ressqu l-ebda prova li ssaħħaħ dak li l-artiklu jsemmi jew jallega. Għall-kuntrarju, l-attur ressaq provi biżżejjed biex juri li, safejn kien jirrigwarda lilu, ftit li xejn minn dak li ġie insinwat kien

---

[19] App. Ċiv. **13.1.2000** fil-kawża fl-ismijiet ***L-Onor. John Rizzo Naudi vs Felix Aġius et*** (mhix pubblikata) .
[20] App. Ċiv. **15.11.1994** fil-kawża fl-ismijiet ***Borġ vs Camilleri et*** (Kollez. Vol: **LXXVIII.ii.372**)
[21] Gatley On Libel & Slander (10th Edit, 2004) § 7.4 f'paġ. 164
[22] App. Ċiv. Inf. PS **9.1.2009** fil-kawża fl-ismijiet ***Av. Dr Michael Falzon vs John Żammit noe***
[23] App. Ċiv. Inf. PS **9.1.2009**fil-kawża fl-ismijiet ***Joseph Buttiġieġ et noe vs Julia Farruġia***

tabilħaqq minnu. Mhux biss ħareġ li l-kumpanniji mwaqqfa biex jixtru u jmexxu l-binja li kellha tkun Malta House ma kenux twaqqfu mill-attur, talli ntwera wkoll li s-sehem wieħed li kellu f'waħda minnhom kien biss għal xi għaxar (10) ġimgħat u dan biss għal raġunijiet li l-liġi dak iż-żmien kienet titlob li kumpannija ma setax ikollha azzjonist wieħed. Fit-tieni lok, ħareġ ukoll li l-kumpannija li xtrat il-binja ma begħethiex lill-Gvern u lil ħadd aktar għaliex żammitha u mexxietha hi, minħabba li l-kumpannija kienet nofsha tal-Gvern sa mill-bidu (in-nofs l-ieħor kienet kumpannija sussidjarja tal-Air Malta, li wkoll wieħed jista' jqisha bħala entita' para-statali mmexxija mill-Gvern). Fit-tielet lok, ma ntwera bl-ebda mod li l-attur inqeda b'xi tagħrif minn ġewwa biex jisfrutta okkażjoni li setgħet qallgħetu kemxa flus, billi ħareġ li hu radd lura s-sehem waħdien li kellu fit-tieni kumpannija (dik li ma kenitx la s-sid u lanqas biss xtrat il-binja) bl-istess prezz nominali li bih is-sehem kien inxtara;

Illi biex wieħed iqis jekk kitba jew pubblikazzjoni bħalma huwa l-artiklu impunjat huwiex diffamatorju wieħed irid iqis il-kontenut ta' dak li jkun fih l-artiklu u l-istat tal-fehma pubblika dwaru[24]. Fuq kollox, l-aspett tat-tixrid ta' fama ħażina huwa kwestjoni ta' fatt li jissejjes jew jaqa' fuq il-fatti jew in-nuqqas ta' fatti pruvati[25];

Illi meta wieħed jitkellem dwar id-difiża tal-verita' tal-fatti, wieħed jifhem li biex din tirnexxi l-fatti msemmija jridu jkunu sostanzjalment minnhom. Il-liġi ma tridx li kull fatt imsemmi jkun is-sewwa kollu u xejn aktar, iżda tistenna mqar li l-fatt ikun sostanzjalment minnu. Kif inhu mgħallem b'awtorita', meta l-parti mħarrka tressaq l-eċċezzjoni tal-verita' tal-fatt inġurjuż, jaqa' fuqha l-piż li turi li dak il-fatt huwa minnu, għaliex imputazzjoni bħal dik fil-konfront tal-parti attriċi titqies bi preżunzjoni li ma hijiex minnha sakemm il-parti mħarrka jeħħilha turi l-kuntrarju (jiġifieri li hija sostanzjalment minnha). Mhux hekk biss, iżda "*the defendant must prove that the defamatory imputation is true. It is not enough for him to prove that he believed that the imputation was true, even though it was published as a belief only*"[26]. Min-naħa l-oħra, hija wkoll waħda mir-regoli li "*the scope of the plea of justification does not depend upon the meanings of the words complained of pleaded by the plaintiff, but upon the meanings which the words are reasonably capable of bearing*"[27];

Illi kif ingħad, il-fatti u ċ-ċirkostanzi (għallanqas safejn jolqtu l-ġrajja partikolari msemmija fl-artiklu) juru li kienu 'l bogħod ħafna minn dak li l-Artikolist ried iwassal lill-qarrej. Minbarra dan, l-istil tal-kitba tal-artiklu

[24] App. Ċiv. Inf. **15.7.2009** fil-kawża fl-ismijiet ***Mons. Joe Vella Gauċi vs Andrew Formosa noe et***
[25] App.Ċiv. **25.5.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Antoncich et noe vs Beżżina noe et*** (Kollez. Vol: **LXXXV.ii.367**)
[26] Gatley *op. Cit.*, § 11.4
[27] *Per* O Connor L.J. fil-kawża ***Polly Peck (Holdings) p.l.c. vs Trelford*** [**1986**] Q.B. 1000 C.A.

kien tali li jinseġ il-'fatti' mal-kumment sarkastiku jekk mhux saħansitra l-"*innuendo*" jew l-insinwazzjoni;

Illi l-insinwazzjoni hija dik l-għamla ta' stqarrija li tolqot bis-saħħa ta' dak li ma tgħidx u li timplika, aktarx dejjem b'xeħta negattiva, mhux bis-saħħa ta' dak li tgħid. Minħabba li l-*innuendo* huwa għamla ta' stqarrija inġurjuża li ssir bi kliem li fih innifsu mhuwiex inġurjuż, il-qofol tal-insinwazzjoni huwa l-ironija[28];

Illi dwar dan l-aspett fil-qasam tal-libell, il-Qrati tagħna ipprovdew li l-piż tal-prova li dak li hu insinwat huwa libelluż, taqa' fuq min jikkwerela jew jibda l-proċeduri[29]. Imma ladarba dan jitwettaq, u jirriżulta li l-kliem inkiteb b'mod ironiku, l-intenzjoni malizzjuża ta' min ikun kiteb dak il-kliem hija intiża fl-istess ironija[30];

Illi huwa mbagħad aċċettat li l-insinwazzjonijiet bla ma huma msejsa fuq fatti, magħmulin għal kwalunkwe raġuni (ukoll dik politika), fis-sens li xiħadd ikun inqeda b'xi ħatra pubblika tiegħu biex jikseb vantaġġ personali minnha, ma jistgħu qatt jinqablu la fil-kuntest ta' fatti li jqajmu interess pubbliku u lanqas fejn hemm implikati persuni pubbliċi[31]. Mill-provi mressqa mill-attur, jidher li ma kien muri bl-ebda mod li dak li l-artiklu insinwa dwaru kien seħħ tabilħaqq;

Illi jifdal li l-Qorti ssemmi żewġ ċirkostanzi oħrajn li joħorġu mill-atti. L-ewwel waħda hi l-fehma li ssir il-ħsara lill-attur; it-tieni waħda hi l-għan jew l-impatt tal-fehma pubblika fuq dak li nkiteb fl-artiklu dwar l-attur;

Illi dwar l-ewwel ċirkostanza, il-Qorti tqis li dak li jissemma dwar l-attur kien maħsub li jagħmillu ħsara billi jxerred dwaru isem ħażin fuq ġrajja li kienet tolqot l-interess ġenerali u nazzjonali. Din il-fehma toħroġ mill-fatt li, bil-għan li jieħu l-pożizzjoni tal-attur qabel ma deher l-artiklu, l-Editur kien bagħtlu sensiela ta' mistoqsijiet suġġestivi li jorbtuh mal-ħsieb li kien ser ikollha l-'*feature*' meta kellha tidher fil-ħarġa tal-ġurnal (li mbagħad dehret f'data differenti minn dik li l-Editur webbel lill-attur li kienet sejra tidher fiha). Mhux hekk biss, imma l-fehma li jidher l-artiklu jidher li kienet waħda fissata, minkejja kull ċaħda li l-attur (permezz tal-avukat tal-fiduċja tiegħu) kien bagħat dwar kull insinwazzjoni li saret dwaru fil-mistoqsjiet u żmien xieraq qabel deher l-artiklu. Minn dak li nkiteb f'isem l-attur, kemm l-Editur u kemm l-Artikolista kellhom żmien biżżejjed biex jistħarrġu bla diffikulta' ta' xejn dak li semmielhom, qabel ma baqgħu

[28] O. Friġġieri, Dizzjunarju ta' Termini Letterarji, pa[. 284
[29] Ara, per eżempju, App. Krim Inf. **29.11.1958** fil-kawża fl-ismijiet ***Desira Buttiġieġ vs Cossai*** (Kollez.Vol: **XLII.iv.1526**)
[30] Ara, per eżempju, App. Krim. Inf. **7.3.1949** fil-kawża fl-ismijiet ***Pulizija vs Olivieri Munroe*** (Kollez. Vol; **XXXIII.iv.824**)
[31] App. Ċiv. **16.1.2002** fil-kawża fl-ismijiet ***Onor. Dr. Joseph Fenech vs Louis Cauchi et***

jtennu x-xiljiet tagħhom dwaru kif dehru fl-artiklu, bħallikieku l-attur kien baqa' ma wieġeb xejn;

Illi dwar it-tieni ċirkostanza, ma hemmx dubju li l-istat tal-fehma pubblika dwar dak li nkiteb dwar l-attur kien wieħed maħsub li jqiegħed lill-istess attur f'dawl ikreh ta' wieħed li jirkeb mis-sitwazzjonijiet pubbliċi li kien igawdi biex jiġbed lejn xawwatu u jagħmel il-qligħ. L-artiklu fih frażi li, b'ħasra, għadha llum il-ġurnata tintuża ħafna (l-aktar fil-qasam tat-taqbid politiku u tal-amministrazzjoni pubblika) biex tkebbes l-għadab jew l-għira tal-qarrej: il-frażi "jerdgħu b'kemm jifilħu u jixorbu minn fuq dahar il-poplu Malti!". Din żgur mhijiex frażi merfugħa għall-Artikolist waħdu jew ġejja mill-istil tal-kitba tiegħu, imma hija frażi li l-Artikolist ħaddem u uża bħala l-'*punch line*' tal-artiklu li jagħlaq l-'episodju' ta' Malta House qabel jgħaddi biex jitkellem fuq ħwejjeġ oħrajn. Dik hija frażi li qarrej ordinarju jiddarras jaqra għax tolqtu fil-laħam il-ħaj meta jingħadlu li xiħadd bill sebgħu bi ħsara għall-istess qarrej u pajjiżu. Wieħed ma jridx jinsa li qarrej tal-artiklu kien il-ħin kollu jħares lejn ir-ras tal-istess artiklu li jfakkru li l-kitba kienet dwar "reddiegħa";

Illi fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, il-Qorti tasal biex issib li l-ewwel talba attriċi hija mistħoqqa u l-eċċezzjonijiet dwarha mhumiex tajbin. Għalhekk, dik it-talba sejra tintlaqa';

Illi għal dak li jirrigwarda **t-tieni talba attriċi** jingħad li din hija konsegwenza naturali meta tintlaqa' talba dwar sejbien ta' pubblikazzjoni malafamanti. F'dan ir-rigward, il-liġi tagħti grad ta' diskrezzjoni dwar l-ammont li tista' tordna lill-parti diffamanti li tħallas lill-parti libellata. Il-liġi tqiegħed biss ammont massimu li jista' jingħata. Jidher li l-kriterju għaqli li l-Qorti għandha żżomm quddiem għajnejha huwa dak tas-sens ta' proporzjon li jqis il-fatt tal-inġurja, tal-gravita' tagħha, tal-persuna (jew il-kariga) li lejha l-inġurja hija diretta, flimkien mal-pubbliku li dik l-inġurja tkun trid tilħaq[32]. Minbarra dan, jingħad ukoll li l-azzjoni tal-libell, biex tkun ta' fejda, għandha titħaddem b'għaqal u dehen fejn wieħed iqis l-inġurja, il-gravita' tagħha, lejn min tkun immirata, lil min tkun maħsuba li tilħaq, u xi ħsara diretta jew indiretta ġġib magħha[33];

Illi fil-każ li għandha quddiemha, il-Qorti qiegħda tqis li ġie kostatat li l-fatti msemmija jew attribwiti lill-attur bl-ebda mod ma jirriżultaw[34] u li x-xiljiet kienu dwar imġiba li tiġbor fiha egħmil abbużiv fl-amministrazzjoni pubblika b'abbuż minn kariga pubblika, u dan jimmerita sanzjoni, meħud kont ukoll kif dawn l-addebiti kienu saru fi żmien meta kienu għadhom

[32] P.A. **23.3.1993** fil-kawża fl-ismijiet ***Tonna et vs Aġius et*** (Kollez. Vol: **LXXVII.ii.87**)
[33] App. Inf. PS **24.11.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Anthony Degiovanni et noe vs Mark Lombardo et***
[34] App. Ċiv. Inf PS **13.3.2009** fil-kawża fl-ismijiet ***Mons. Giovanni B. Gauċi vs Nicholas Baldacchino***

iqanqlu interess u segwitu fuq firxa ġenerali, u fi żmien partikolarment sensittiv fix-xena politika lokali. Ma' dawn, il-Qorti jidhrilha xieraq iżżid li l-imħarrkin ma taw l-ebda każ taċ-ċaħda kategorika li kien għamel l-attur bl-ittra tal-avukat tiegħu qabel ma deher l-artiklu. Għalhekk, fil-limiti ta' dak li jistabilixxi l-artikolu 30 tal-kapitolu 248 tal-Liġijiet ta' Malta, u wara li ħadet qies tal-artikolu 28(2) tal-istess, il-Qorti qegħda tillikwida d-danni li l-imħarrkin iridu jħallsu solidalment bejniethom lill-attur fis-somma ta' ħamest elef euro (€5,000);

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi:

**Tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-imħarrkin** billi mhux mistħoqqa fil-fatt u fid-dritt;

**Tilqa' l-ewwel talba attriċi** u ssib li l-imħarrkin jaħtu solidalment bejniethom għall-malafama lejn l-attur bil-pubblikazzjoni tal-artiklu li deher fil-ħarġa tal-ġurnal "it-Torċa" tal-1 ta' Frar, 1998, taħt ir-ras "*Reddiegħa*" u dan billi attribwewlu fatti determinanti li jnaqqsu l-ġieh tiegħu jew li jikxfuh għad-disprezz tal-pubbliku;

**Tilqa' t-tieni talba attriċi** billi tikkundanna lill-imħarrkin iħallsu flimkien u solidalment bejniethom lill-attur is-somma ta' ħamest elef euro (€ 5,000) bħala danni likwidati għall-finijiet tal-liġi minħabba l-imsemmija malafama, bl-imgħaxijiet legali b'seħħ mil-lum sal-jum tal-ħlas effettiv u flimkien mal-**ispejjeż tal-kawża.**

**Moqrija**

**Onor. Joseph R. Micallef LL.D.,**
**Imħallef**

**9 ta' Frar, 2016**

**Carmen Scicluna**
**Deputat Registratur**

**9 ta' Frar, 2016**